# MALTA

**ATT Nru. X ta' l-1991**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1988 biex jikkonsolida u jirriforma l-liġi dwar l-Edukazzjoni f'Malta.**

**ACT No. X of 1991**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the 1988 Act to consolidate and reform the law relating to Education in Malta.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

16 ta' April, 1991

## ATT Nru. X ta' l-1991

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1988 biex jikkonsolida u jirriforma l-liġi dwar l-Edukazzjoni f'Malta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att XXIV ta' l-1988.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1991 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Is-subartikolu (10) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) ta' l-istess subartikolu; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) kif enumerat mill-ġdid, għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(b) L-elezzjoni għall-ħatra ta' Rettur għandha ssir tliet xhur qabel egħluq it-terminu tal-kariga tar-Rettur, jew jekk għal xi raġuni tinħoloq vakanza, l-elezzjoni għandha ssir mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata wara li tinħoloq dik il-vakanza.

(ċ) L-elezzjoni għandha ssir f'laqgħa tal-Kunsill msejjħa għal dak l-iskop. Kull membru tal-Kunsill ikollu dritt jinnomina kandidat għall-kariga ta' Rettur. Jekk ikun hemm aktar minn żewġ kandidati, il-membri tal-

Kunsill għandhom juru l-preferenza tagħhom permezz ta' vot wieħed trasferribli. Qabel ma ssir votazzjoni, il-Kunsill għandu jiddetermina kif meħtieġ id-dettalji proċedurali ta' kif issir l-elezzjoni.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 505 tad-9 ta' April, 1991.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

16th April, 1991

## ACT No. X of 1991

*AN ACT to amend the 1988 Act to consolidate and reform the law relating to Education in Malta.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Education (Amendment) Act, 1991, and shall be read and construed as one with the Education Act, 1988, hereinafter referred to as "the principal Act".

Short title and commencement. Act XXIV of 1988.

**2.** Subsection (10) of section 28 of the principal Act shall be amended as follows:

Amendment of section 28 of the principal Act.

(a) the present subsection shall be renumbered as paragraph (a) thereof; and

(b) immediately after paragraph (a) as renumbered, there shall be inserted the following new paragraphs:

"(b) The election for the office of Rector shall take place three months before the end of the term of office of the Rector or, should there be a vacancy for any reason, not later than fifteen days after the vacancy occurs.

(c) The election shall take place at a meeting of Council called for the purpose. Every member of Council shall have the right to nominate a candidate to the office of Rector. If there are more than two candidates, each member shall show his preference by

casting a single transferable vote. Prior to an election, the Council shall determine as required the procedural details relating to the method of election.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 505 of the 9th April, 1991.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Acting Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Castille*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*